

L-Ewwel Sena APRIL - ĠUNJU, 1955 Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI

LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR

MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Mitbugħ fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# TAGĦRIFA TA' MIN IKUN JAFHA

Mhux darba u tnejn ġejna mistoqsijin fuq l-Indulġenzi li fihom is-slaleb, il-kuruni, id-domni u ħwejjeġ oħra li jiġu mberkin mill-Patrijiet Franġiskani fis-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa.

Sabiex kulħadd ikun jaf, inwieġbu: a) Kien minn dejjem magħruf li s-slaleb, il-kuruni, id-domni u l-ħwejjeġ l-oħra li jiġu mberkin fis-Santwarji Mqaddsa tal-fidwa tagħna għandhom dawk l-Indulġenzi kollha, hekk imsejħin *"apostolici"*, jiġifieri, għandhom dawk l-istess Indulġenzi li soltu jagħtu l-Papiet infushom meta huma jbierku xi oġġetti; b) Barra mbagħad, minn dawn l-Indulġenzi *"Apostolici"*, fuq talba li kien għamel ir-Rev.mu P. Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, P. Ferdinandu Diotallevi, O.F.M., fl-1921, is-S. Penitenzerija tat *għal dejjem* (*in perpetuum*) li l-kuruni mberkin fis-Santwarji tal-Palestina jkollhom ukoll l-Indulġenzi tal-PP. Kruċiferi, jiġifieri 500 jum ta' Indulġenza għal kull "Pater Noster" u "Ave Maria" li bihom jingħadu, u li jistgħu jiġu wkoll applikati għall-erwieħ tal-Purgatorju.

Iżda billi l-Kittieba kien għadhom ma jaqblux flimkien fuq *il-għadd* u *x-xeħta* ta' l-Indulġenzi "Apostoliċi" mogħtijin mill-Papiet lis-slaleb, kuruni, domni, statwi u ħwejjeġ oħra li jiġu mberkin *bil-mess* tas-Santwarji Mqaddsa tal-fidwa tagħna, il-fuq imsemmi Rev.mu P. Kustodju Ferdinandu Diotallevi, O.F.M., fit-12 ta' Ġunju 1923, kien talab u qala' li l-oġġetti fuq imsemmija *"li jiġu mbierka bil-mess mas-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa, jew ma' xi Relikwija mqaddsa li hemm f'dawk l-istess Santwarji, jkollhom l-istess Indulġenzi li jagħti l-Papa."*

Bis-saħħa ta' dan il-privileġġ nistgħu tajjeb nagħtu ħjiel biżżejjed sewwa ta' l-Indulġenzi "Apostolici" li jistgħu jirbħu l-insara li jagħmlu użu minn dawk l-oġġetti ta' Devozzjoni mberkin bil-mess tas-Santwarji Mqaddsa jew ma' xi Relikwija li hemm fl-Art Imqaddsa. L-Indulġenzi huma dawn:

1. INDULĠENZA PLENARJA *in articulo mortis* jekk tassew niedma, imqarra u mqarbna, jew jekk wieħed ma jistax iqerr u jitqarben, biżżejjed li bil-fomm jew għall-inqas b'qalb niedma jsejjaħ l-Isem Imqaddes ta' Ġesù.

2. INDULĠENZA PLENARJA jekk għall-inqas darba fil-ġimgħa jgħid l-Offiċċju Divin tal-jum, jew tal-Madonna, jew tal-mejtin, jew għall-inqas l-Għasar tal-jum jew notturn bil-lawdi, jew ukoll is-seba' Salmi Penitenzjali, jew ħames posti tar-Rużarju Mqaddes.

3. INDULĠENZA PLENARJA għal dawk li soltu jgħallmu d-Duttrina fil-Knisja jew fid-dar lil uliedhom, lill-qaddejja tagħhom, jew lil dawk li jżuru l-morda f'xi sptar jew lil dawk li huma miżmumin il-ħabs.

4. INDULĠENZA PLENARJA għal dawk li jisimgħu l-Quddiesa għall-inqas darba fil-ġimgħa jew għas-Saċerdoti li jqaddsu, basta li niedma jqerru u jitqarbnu fil-festi tal-Milied, tat-Tre Re, ta' l-Għid, ta' Lapsi, Għid il-Ħamsin, SS. Trinità, Corpus Domini u l-Qalb ta' Ġesù; u fil-festi tal-Madonna: Kandlora, il-Lunzjana, l-Assunta, it-Twelid tal-Madonna u nhar il-Kunċizzjoni Immakulata; u fil-festi tal-Qaddisin: S. Ġwann Battista, S. Ġużepp u fil-Patroċinju tiegħu, u f'ta' l-Appostli: S. Pietru u San Pawl, S. Andrea, Ġakbu, S. Ġwann l-Evanġelista, S. Tumas, S. Flippu u Ġakbu, Bartilmew, Mattew, S. Xmun u Ġuda, S. Mattija u nhar il-Qaddisin Kollha.

Barra minn dawn l-INDULĠENZI PLENARJI hemm għadd kbir ta' INDULĠENZI OĦRA PARZJALI, li mħabba fit-tul għal-lum ikollna nħalluhom.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI
MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT
TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

L-Ewwel Sena — APRIL - ĠUNJU, 1955 — Għadd 2

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Qniepen ta' l-Għid il-Kbir ... ... ... ... ... ... ... ... ... 22
Xbieha u Barka tar-Rev.mu P. Kustodju tat-Terra Santa ... ... ... ... 23

L-Ewwel Taqsima — DAWL

Għaliex ngħidulu "Ħadd Lażżru" ... ... ... ... ... ... ... ... ... 24
Is-sura tad-Duluri fuq il-Kalvarju ... ... ... ... ... ... ... ... 26
Fejn u kif instab is-Salib Imqaddes ... ... ... ... ... ... ... ... 28
Ir-Raħal ta' San Ġwann ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 31

It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Il-Pajjiż tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù ... ... ... ... ... ... ... ... 33
Lapsi f'Ġerusalemm ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 35
Il-Vija Sagra fit-Toroq ta' Ġerusalemm ... ... ... ... ... ... ... 38
Demm Franġiskan imxerred fl-Għar ta' Betlemm ... ... ... ... ... 40

Minn Hawn u Minn Hemm

Aħbarijiet ta' Barra ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 42
Aħbarijiet ta' Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 44

---

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju,
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# QNIEPEN TA' L-GĦID IL-KBIR

*Qniepen, qniepen, qniepen,......... u leħenhom ferrieħi jħabbar ġrajja ta' Rebħa. Il-Qabar ta' Kristu li laqa' l-ġisem imbiċċer tal-Bniedem-Alla, il-lum xedd il-libsa tal-ferħ. Il-ġebla tqila li għattiet il-ġisem mejjet tal-Feddej, tgerbet, iġġarrfet u waqgħet, u mid-dalma tal-qabar ħareġ Ġesù mlibbes il-libsa tad-dawl, u ma' rasu l-kuruna tar-rebħa.*

*Ġesù rebaħ! Il-mewt li tjassar, lilu ma jassritux. U seħħet*

*......il-kelma ta' fomm il-Profeti;*
*Il-kelma li tenna Ġesù lill-kefrin:*
*Min siket fil-kesħa mudlama tal-qabar,*
*F'setgħetu qam waħdu mill-ħdan tal-mejtin.*
*(Dun Karm.)*

*U baqa' l-qabar vojt, xhieda tul is-snin tal-qawwa ta' l-Iben t'Alla. Id-dawl rebaħ lid-dlam u l-qniepen ferrieħa qegħdin itennu l-Ġrajja mbierka.*

*Fil-jiem tar-Rabta l-Qadima, meta l-ħarsa tal-ġens t'Alla kienet qed tixxennaq u titlob biex tara l-Feddej, ix-xwejjaħ profeta tal-Lhudija, Iżajija kien qed jilmaħ quddiem għajnejh il-ġrajja kbira tal-Fidwa. U ra lil Ġesù fil-ħlewwa ssaħħar tat-Twelid, meta Omm-Xebba kellha twelled lil Emmanwel. U rah jikber bil-Barka t'Alla fuq rasu. Rah imbagħad mill-ġemgħa maqbud, imbiċċer u mżeblaħ. Rah mejjet, ġismu mtertaq bla sura, mniżżel fid-dalma tal-qabar. Iżajija, imnebbaħ minn Ruħ il-Qodos, ra l-qabar tal-Feddej u stqarr fl-oħla tqanqila ta' mħabbtu, li qabru jkun glorjuż, "U l-qabar Tiegħu, ikun glorjuż!" U glorjuż tabilħaqq kien il-Qabar ta' Ġesù, għax minnu l-Feddej wera li Hu kien tabilħaqq Alla. "Kieku Kristu ma qamx mill-imwiet," jistqarr San Pawl, "ħrafa kienet tkun l-Emmna tagħna." Iżda Kristu qam u wera li Tagħlimu kien ġej mis-Sema.*

*Sa mill-ibgħad żmenijiet il-qalb ta' l-Insara ġġennet wara l-Qabar ta' Kristu. U, meta l-qawwa tal-Mislem serqet minn ħdan il-Kristjaneżmu l-Qabar ta' Ġesù, l-Insara ma felħux aktar. Qamu għalenija, żgħażagħ qalbiena u f'saħħithom, qamu fuq tagħhom, qasmu l-ibħra u tqabdu u mietu u ċarċru demmhom biex jifdu l-Qabar ta' Kristu. Għax il-qabar tal-Bniedem-Alla kien ifakkarhom fil-glorja ta' l-Għid Imqaddes, fir-Rebħa ta' Ġesù fuq il-Mewt, meta b'għarqubu rifisha u għaffiġha u wriha li Hu waħdu kien Sid u Mgħallem tal-Ħajja.*

*U l-qniepen ta' l-Għid il-Kbir iħabbru ferrieħa l-Ġrajja tal-Qawmien. Wara l-ħemda tal-Ġimgħa l-Kbira, ħallew ilsienhom f'mota saħħarija. Leħenhom jidħol f'qalbna u jferraħna. Ħarsitna tiġri mxennqa fuq dik ir-roqgħa Art Imbierka tat-"Terra Santa" fejn il-Patrijiet ta' Ġieżu jisharu ħdejn il-Qabar ta' Kristu, Ġesù tagħhom. Ilhom is-snin, raw jiem ta' ferħ, raw jiem imċajpra ta' niket u qtiegħ il-qalb, ħassew ma' għonqhom ix-xafra kiefra tal-persekuzzjoni, b'danakollu f'widnejhom dejjem dwew il-kelmiet ta' Iżajija: "U l-Qabar Tiegħu jkun glorjuż," u rebħu. U Ġesù f'din il-Għodwa qaddisa, ibierikhom u jbierek lil dawk kollha li jgħinuhom biex iħarsu l-Qabar Imqaddes Tiegħu, xhieda waħdanija tal-Mewt u l-Qawmien Tiegħu minn bejn l-imwiet.*

# XBIEHA U BARKA

## TAR-REV.MU P. KUSTODJU TAT-TERRA SANTA



*Ġerusalemm, 20 ta' Jannar 1955.*

*W. R. P. Kummissarju,*

*Bil-qalb kollha nfaħħar ix-xogħol li inti bdejt tax-xandir tar-Rivista "L-ART IMQADDSA" bl-ilsien Malti.*

*Wasalli l-ewwel għadd tagħha u sibtu sabiħ u maħdum tajjeb. Ma jistax jonqos li ma jkunx jiswa ħafna biex iżid l-imħabba fil-qalb tat-twajba Maltin kollha għax-xogħol li jsir fl-Art Imqaddsa.*

*Lilek, W. R. P. Kummissarju u lil dawk kollha li jgħinuk fix-xogħol, lil dawk kollha li jieqfu miegħek u dawk li jxerrdu l-qari tar-Rivista u wkoll lil dawk li jaqrawha, nibgħat il-Barka tiegħi ta' missier u x-xewqat li din il-ħidma tibqa' dejjem toktor u tgħaddi 'l quddiem.*

*P. GIACINTO M. FACCIO, O.F.M.*
*Kustodju tat-Terra Santa*

# GĦALIEX NGĦIDULU "ĦADD LAŻŻRU"

*(27 ta' Marzu)*

Hawn Malta, għandna l-lum, u kellna wisq aktar dari, ħafna għidut u drawwiet bħal tal-Palestina.

Fost dawn, ngħidu *għall-erwieħ* meta nieklu jew nixorbu. Niġbru xi biċċa ħobż li nsibuha fl-art u nbusuha u nqegħduha fejn ma tirtifisx. Ngħidu *Alla jbierek*! meta naraw xi ħaġa kbira jew sabiħa ħafna. Ngħaddu l-lejl barra qabel xi festa kbira (bħall-Imnarja u l-Milied). U bosta oħrajn.

Fdal ieħor hu, li aħna hawn Malta Ħadd il-Passjoni, meta fil-knejjes fil-Palestina f'Ħadd Lazzru. Joħorġu jgħannu l-għanja ta' Lazzru. Mela aktarx li hekk ukoll kien fiż-żmien l-antik hawn Malta. Għalhekk għadna ngħidulu *Ħadd Lazzru*.

F'dik l-art it-tifkira ta' Lazzru ssir hekk: jiltaqgħu xi erba' jew ħames subien u jieħdu magħhom bixkilla u lħâf (gverta) u jmorru jħabbtu bieb bieb. Meta jiftħulhom isaqsu lil min jgħammar hemm jekk iridx jgħannulu t-"tertila" tal-Għâżar. Għax *Lazzru* hemm igħidulu: *Il-Għâżar*. Jekk igħi-



Il-Knisja l-Ġdida qrib il-Qabar ta' San Lażżru u r-raħal ta' Bet-Għanja.

jgħattu l-inkwatri, ngħidulu *Ħadd Lazzru*. Niftakar li fi tfuliti kont staqsejt lil ħafna għaliex igħidulu hekk, u ħadd ma għaraf iweġibni. Imma meta kont il-Palestina smajt xi ħaġa u deherli li fhimt sewwa għaliex igħidulu hekk. Dil-ħaġa niktibha hawn, li ma tintilifx.

* * *

Kif fl-Ingilterra fil-Milied joħorġu t-tfal jgħannu l-*Christmas Carols* wara l-bibien, hekk jagħmlu t-tfal Insara dulhom iva, sabi minnhom joqgħod kobba fl-art u sħabu jgħattuh bil-gverta, jew, jekk ma jkollhomx gverta, bil-gazzetti, u jibdew jgħannu l-għanja li semmejna fuq. Sa nġib hawn xi qatgħât min din il-għanja bil-Għarbi, kif kitibhieli wieħed minn hemm, u naraw it-tifsir tagħhom bil-Malti wkoll. Din hija l-ewwel biċċa:—

Sellmu għala l-Għâżar, il-magħruf
il-meskin.

Għollu madajħu, bi aswat u telħin.
U aħdu lej qabru bil-buħħâr mubtakar,
Tuba men ħadar il-quddâs muftakar.
W-axagħlu qanâdel minn żejt iż-żejtun
Għala qabar il-Għâżar il-koħna jsellun.

Ħafna minn dal-kliem qisu Malti, u kollu jfisser hekk: *Sellmu lil Lazzru, il-magħruf, il-miskin; għollu t-tifħir tiegħu bil-għajjat u l-għana. U ersqu lejn qabru bl-inċens il-bikri. Imbierek min sama' l-quddies b'tifkira. Ixegħlu msiebaħ biż-żejt taż-żebbuġ. Fuq il-qabar ta' Lazzru jitolbu l-qassisin.*

Din hija l-ewwel biċċa tal-għanja. Minnha nitgħllmu li din id-drawwa kienet inbdiet fil-belt ta' Ġerusalemm jew qrib tagħha, għax il-qabar ta' Lazzru qiegħed f'Bet-Għanja, ftit 'l hinn minn Ġebel iż-Żejtun. Ladarba kienu jgħidu: "Morru lejn qabru u ixegħlu l-imsiebaħ", jidher li kienu qrib ta' dan il-qabar. Minn Ġerusalemm sal-qabar ta' Lazzru hemm, qisu, ftit fuq nofs siegħa mixi.

Wara dan il-għanja tibqa' sejra bil-ġrajja ta' kif Ġesù għaraf li Lazzru miet u kif mar Bet-Għanja u laqgħuh Marta u Marija. Ġesù jsabbarhom u jqajjem mill-qabar lil ħuhom. Kif Ġesù mar Bet-Għanja, fil-għanja miġjub hekk:—

Sar il-Massiħ, u kull ir-Rosol magħhu,
Ila Bet-Għanja, fejn il-Għâżar medfuna;
Laqatu Mirjam u Marta seġded leħu,
Fi ħarq il-qalb u dmugħ il-għajn, jiġruna
"Mgħallimna, mgħallimna! lew kunta ħâder hawna,
Ma kan aħuna taħt el-ard madfuna!"

Li bil-Malti jfisser dan: *Mar Kristu u l-Appostli kollha miegħu, lejn Bet-Għanja fejn Lazzru kien midfun. Laqgħetu Marija u Marta qagħdet għarrkubtejha, bil-ħruq fil-qalb u d-dmugħ fil-għajnejn, jiġru. "Ja sidna, ja sidna, kieku int kont hawn, kieku ħuna ma hux midfun taħt l-art!"*

Imbagħad Ġesù jgħid hekk lil Lazzru:—

"Għâżar, ja Għâżar! Anħad u kellimni!
W'asma' amri, w-oħroġ ila hawna!"

Imbagħad wara ftit kliem jiġi l-egħluq li hu ħelu wisq. Dan huwa:—

Raħ is-Sijâm l-imqaddes, u aġa Ħadd ix-Xagħnina,
Ma' awrâq il-ħawħ u r-rummân u t-tina,
Ma aħla awlâd in-Nasâra, fi Knisjithom!
Amma l-Jaħud u l-ħażâna ma ilhom dina.
Ja Rabb, irħamna, u arħam ġamgħatna!
W-arħam ġemgħat el-ħalâjeq, el-maħtura.
W-arħam għajnej qareħa u jadaj katebħa,
W-aġgħal Batrakna għala l-għâda l-mansura!

Bil-Malti jfisser hekk: *Għadda r-Randan imqaddes u ġie Ħadd il-Palm, bil-weraq tar-rummien u tal-ħawħ u tat-tin. Kemm huma ħelwin ulied l-Insara fil-knisja tagħhom! Imma l-Lhud u kiefra ma għandhomx djiena. Mulejna, ħenn għalina u għall-poplu tagħna, u għall-ġemgħa tal-maħluqin u maħturin. U ħenn għal għajnejn li qrawha u għal idejn li kitbuha, u qiegħed lill-Isqof tagħna fuq is-siġġu tar-rebbeħin.*

Mela, aktarx li għalhekk għadna ngħidulu Ħadd Lazzru, għaliex hawn Malta fl-antik ħafna kien isir il-għana ta' Lazzru wara l-bibien, bħal ma għadu jsir il-Palestina. U minn dan kollu issa ma fdalilniex għajr l-isem.

ELSIE.

# IS-SURA TAD-DULURI FUQ IL-KALVARJU

*(1 ta' April)*

Għalkemm ma hux miktub fl-Evanġelju l-ewlieni (għax inkiteb bikri, meta l-egħdewwa ta' Ġesù kienu għadhom ħajjin, u l-Evanġelista ma riedx li Omm Ġesù tkun maħqura wkoll mill-egħdewwa ta' binha), il-Madonna kienet, flimkien ma' nisa oħrajn, issieħeb lil Ġesù Iben tagħha fil-ħidma tiegħu ta' Messija.

San Ġwann fl-Evanġelju tiegħu (għax meta kitbu l-Madonna kienet ilha s-snin li mietet u telgħet is-sema), qal ċar li l-Madonna waqt il-mewt ta' Ġesù kienet wieqfa ma' ġenb is-salib tiegħu, fuq il-blata tal-Ġilġla, jew *Kalvarju.*

Għalhekk, fil-kappella li hemm issa fuq il-Kalvarju, ma' ġenb l-artal tal-Griegi, hemm artal ċkejken tad-Duluri, li huwa tal-Latini, jiġifieri tar-Rħieb Franġiskani ta' Ġieżu.

Fuq dan l-artal ma hemmx inkwatru, imma hemm niċċa u ġewwa n-niċċa *mezzo-bust* tad-Duluri, xogħol ta' ġmiel u temma liema bħalhom, mogħti wisq snin ilu lill-Franġiskani minnazzjon Kattolika tal-Portugall. Min ħadem din is-sura donnu li kien imnebbaħ minn Alla. Għax fuq wiċċ dik il-Madonna jidhru ċari, u jolqtu lil kull min ikun iħares lejha, il-qdusija, l-uġigħ il-qalb u s-sabar tagħha. Għajnejha mxarrbin bid-dmugħ, tħares bil-ħniena lejn min ikun quddiemha, hekk li dak li jkun ma jiflaħx ma joqgħodx għarrkubtejh u jgħidilha: "Ommi l-ħanina, ħallini noqgħod ftit hawn, insieħeb il-hemm tiegħi ma' tiegħek".

Xhieda ta' kemm qima għandhom lejha n-nies, sewwa tal-Palestina kif ukoll ta' artijiet oħra li jiġu jżuruha, huma l-kotra kbira ta' weġħdi, deheb u ġawhar u djamanti, li għandha fuqha.



**L-Artal tad-Duluri fuq il-Kalvarju. (Taħt l-artal, mgħottija bil-ħġieġ, tidher il-Blata).**

Daqs kemm nies ifiqu mill-mard wara li jitolbu lilha, in-nies ta' Ġerusalem lil din id-Duluri laqqmuha: "Umm el-għaġejjeb" li tfisser: *Omm tal-mirakli.* U titla' x'ħin titla' f'dik il-kappella għandek dejjem issib in-nies għarrkubtejhom quddiemha, drabi jinstemgħu jibku, jitolbu għall-fejqan ta' xi ħadd għażiż għalihom. Id-

djamanti li għandha fuqha, fid-dawl tax-xama', jidhru donnhom itajru x-xrar at-nar, bil-lewnijiet kollha tal-qawsalla. Jingħad li għandha b'kemm jiswew żewġ miljuni liri.

Ta' min isemmi wkoll li meta nħarqet il-knisja tal-Qabar ta' Kristu, fejn qiegħda din il-kappella, fis-sena 1808, il-Franġiskani ħatfu din il-Madonna u ħarġuha minn qalb il-ħġejjeġ tan-nar.

* * *

Billi r-Rħieb Franġiskani fil-knisja tal-Qabar ta' Kristu jagħmlu purċissjoni fil-ħamsa ta' wara nofs inhar kuljum, fis-sena 1924, ħadu l-*permess,* jew ħalla, minn għand il-Griegi u l-Armeni (għax hemm ma tista' tagħmel xejn ġdid mingħajr il-ħalla ta' l-oħrajn) u waqt din il-purċissjoni bdew ikantaw li *Stabat Mater,* quddiem din is-sura. L-ewwel darba li kantawha hemm kien fis-17 ta' Frar tas-sena li semmejna, 1924. U billi r-Rħieb Franġiskani ma għandhomx qagħad, imma jridu dejjem iġibu l-Imkejjen Imqaddsa aħjar milli kienu qabel, fis-snin 1937-38 (ftit qabel ma bdiet il-gwerra li għaddiet), ksew b'mużajk sabiħ wisq is-saqaf u l-ħitan tal-kappella li għandhom fuq il-Kalvarju. U kif kienu fid-daqqa, biddlu wkoll l-artal żgħir tad-Duluri li semmejna fuq.

Issa, sa minn żmien twil qabel, kien jingħad li dak l-artal qiegħed fuq il-*blata ħajja* tal-Kalvarju. U nstab li hekk kien tassew. Għax meta qalgħuh biex ibiddluh, taħtu, fuq ix-xellug ta' min ikun iħares lejh, sabu ħanek tal-blat ħaj, tal-Kalvarju.

Il-Franġiskani għalhekk ħadu l-qies ta' din il-blata u bagħtuh barra biex jagħmlu bozza kbira tal-ħġieġ id-daqs u l-għamla tagħha, u meta bagħtuhielhom, għattew dik il-blata biha, biex jista' jaraha kulħadd, b'għajnejh, imma jmissha ħadd b'idejh. Għax jekk tħalli n-nies imissuha, jibdew jaqtgħu l-frak minnha, u naqqar il-lum u naqqar għada, fi ftit snin il-blata tisfa' baħħ.

Dari, il-blat tal-Kalvarju kien jidher biss minn taħt grada żgħira, ħdejn l-artal tal-Griegi, u kien jidher ftit kemm kemm. Issa minn kemm ilhom li biddlu dak l-artal il-Franġiskani, tidher sewwa din il-blata kbira li sabu taħtu, għax ma hix taħt xi grada, imma taħt il-ħġieġ.

Dik il-blata, taħt l-artal tad-Duluri, rat lil Ġesù msallab, semgħet l-aħħar kliem tiegħu minn fuq is-salib, u aktarx li kienet mirfusa mir-riġlejn imqaddsa u mbierka tal-Madonna, fil-waqt ta' l-akbar uġigħ ta' qalbha.

Fra ELIJA, O.F.M.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

**El-meblul ma jħaf mix-xita** (min hu mxarrab ma jibżax mix-xita). Jiġifieri: min hu fqir ma jibżax li jitlef li għandu, għax m'għandux x'jitlef.

**Agħti l-ħubż lel-ħabbâż** (agħti l-ħobż ħa' jaħdmu tal-forn). Jiġifieri, ix-xogħol agħtih lil min hu tas-sengħa. Aħna bil-Malti ngħidu: ''Il-ħobż tih lil min jaf jieklu u x-xogħol tih lil min jaf jaħdmu''.

## FEJN U KIF INSTAB

# IS-SALIB IMQADDES

*(3 ta' Mejju)*

Meta Sidna Ġesù Kristu miet, Jusef t'Arimatija, mar quddiem il-Ħâkem, Pilatu, u talbu l-ġisem mejjet tiegħu, ħalli jidfnu hu. U fil-ħin li Jusef niżżel lil Ġesù mis-salib, is-sallâba niżżlu wkoll liż-żewġ ħallelin, billi kisrulhom il-għadam ta' wirkejhom, u tefgħuhom imutu x'imkien.

### IL-LIĠI U L-MISRAĦ

Issa, is-slaleb li fuqhom kien ikun miet xi ħadd kienu jkunu magħduda bi mniġġsa, mil-Liġi tal-Lhud. Għalhekk, kull min imisshom kien jitniġġes, u jkollu jinħasel ġismu kollu u jdum tmint ijiem maqtugħ min-nies (Talmud, Sanħedrin, XV, 9 u VI 15). Għal dan is-slâleb kienu jordmuhom mill-aktar fis li jistgħu ħdejn l-imkien fejn ikun sar it-tislib. U hekk għamlu s-sallâba bis-slaleb ta' Ġesù u tal-ħallelin: tefgħuhom ġewwa bir u radmuhom minnufih.

Fejn sallbu lil Ġesù kien misraħ, magħluq minn tliet naħât, quddiem wieħed mill-bibien tal-belt. Minn żewġ naħât kellu s-sur, u min-naħa kellu blat għoli, maqtugħ. Ġewwa dan il-misraħ kienu jagħmlu bħal suq. F'nofsu kien hemm blata, għolja xi ħmistax-il xiber, u fuqha sallbu lil Ġesù u lill-ħallelin, biex jarahom kulħadd.

### AELIA CAPITOLINA

Fis-sena 70 wara Kristu, Titu waqqa' Ġerusalem kollha u ma ħalliex li fiha jgħammru nies; imma ftit fuq ħamsin sena wara, l-Imperatur ta' Ruma, Adrijanu, reġa' bena Ġerusalem mill-ġdid, u biex il-Lhud ma jidħlux fiha, bnieha bħala belt Rumana, u taha isem Ruman ukoll: Elja Kapitolina.

Mit-tul tal-belt kollha, minn bieb sa bieb, fetaħ triq, twila u dritta xemgħa, u waqqaf sarbut kolonni fuq kull naħa tat-triq. F'nofs il-misraħ li kienu sallbu fih lil Ġesù, għamlu bħal setaħ, billi bnew żewġ ħitan, wieħed quddiem l-ieħor, u bejniethom imlewh bit-torba u ż-żrar. Hekk il-Qabar fejn difnu lil Ġesù u l-blata fejn sallbuh, sfaw mirduma, u fuq ta' l-ewwel twaqqaf midbaħ lil alla Jupiter u fuq ta' l-aħħar lil alla Venus. U madwarhom tħawlu s-siġar u twaħħlu l-bankijiet.

Hekk, il-misraħ li semmejna l-ewwel, fejn sallbu lil Ġesù, ingħamel *Forum*, jiġifieri, misraħ imżejjen u mirqum, li jaqdi ta' qorti, ta' knisja u ta' suq. F'kelma waħda: tokk, fejn jinġemgħu n-nies.

### TFITTIX U SEJBA

Ftit wara s-sena 300, Santa Liena saret Nisranija, u marret Ġerusalem u riedet tibni knisja kbira, jew bażilika fuq l-imkien innifsu fejn Ġesù kien miet u difnuħ. Għalhekk amret li jitwaqqgħu l-ħitan li kien bena Adrijanu u jitħammlu t-torba u ż-żrar, u hekk il-Kalvarju, jew Ġilġla, u l-Qabar ta' Kristu, reġgħu nkixfu mill-ġdid.

Hi kienet taf x'kellhom miktub il-Lhud: li s-slaleb għandhom jordmuhom fejn kien ikun sar it-tislib. U billi binha Kostantinu kellu qima kbira għas-salib, li x-xbieha tiegħu kienet dehritlu fis-sema hi u nieżla x-xemx, u

bis-saħħa tiegħu rebaħ lill-egħdewwa, qabbdet lill-ħaddiema jfittxuh. U kif kienu jħaffru l-art, sabu bir, jew ġiebja, mimlija bit-torba u r-radam, u kif kienu jħammluha sabu tliet slaleb: ta' Ġesù u taż-żewġ ħallelin.

Kif ħalla miktub Sant Ambroġ fit-taħdita li qara meta miet l-Imperatur Teodosju (fis-sena 395, xi sittin sena



Il-Ġiebja fejn instab is-Salib. (Fuq ix-xellug jidher l-Artal ta' Santa Liena)

wara l-ġrajja), it-*titulus* jew luħ (tabella), bl-isem u l-ħtija ta' l-imsallab, kienet għadha mwaħħla ma' kull salib. U l-ħsieb ukoll igħidlek li ladarba s-slaleb kienu għar-rimi, is-sallâba, għal fejn jaqilgħu t-*titulus* ma kellhomx.

### X'KITEB SANT'AMBROĠ

Hawn inġibu ftit miill-kliem ta' Sant Ambroġ (mill-"Oratio de Obitu Theodosii") bil-Latin kif inhu miktub, u bil-Malti, ħalli dak li jkun jara b'għajnejh. Fejn hemm it-tikek hemm xi kliem nieqes, biex inżommu fil-qosor kemm jista' jkun. Dan hu:

*"Helena...... aperit humum, decutit pulverem; tria patibula confusa reperit. Incerta haeret...... sed certam indaginem Spiritus Sanctus inspirat...... Redit ad Evangelii lectiones. Invenit quia in medio patibulo prelatus titulus erat: JESUS NAZARENUS REX JUDAEORUM. Hinc collecta est series veritatis, et titulo crux patuit Salvatoris.*

Bil-Malti jfisser hekk:

"Liena... ħaffret l-art u ħammlet it-trab; sabet tliet ħoxbiet (saratizzi, slaleb) mitfugħa kif ġie ġie. Baqgħet imħassba... imma Ruħ il-Qodos nebbħitha kif kellha ssib is-sewwa... Reġgħet għall-qari ta' l-Evanġelju. Sabet li fil-ħoxba (salib) tan-nofs kien hemm miktub, fuq luħ, fil-għoli: ĠESÙ N-NAZIR, RE TAL-LHUDIN. Minn hekk inqabdet is-sensiela tas-sewwa, u *mill-kitba tal-luħ deher ċar liema kien is-Salib tal-Ħellies*".

### FTIT TAT-TIFSIR

Hawn xi ħadd isaqsi: "Ladarba kien hemm il-kitba fit-tabella li kienet għadha mwaħħla mas-slaleb, kif Santa Liena ma għarfithomx mill-ewwel?" It-tweġiba ħafifa. Għax is-slaleb kienu ilhom mirduma qrib it-tliet mitt sena meta sabithom Santa Liena. Il-kitba kienet tkun miktuba bin-nora u matul dak iż-żmien tfiet hekk li ma' l-ew-

wel daqqa ta' għajn ma kenitx tidher, u hekk ma ntebħux biha. Imma meta Santa Liena qrat fl-Evanġelju li fuq ras l-imsallbin kien hemm it-tabelli miktuba, fliet sewwa l-kitba u għarfet liema kien is-Salib ta' Ġesù. Il-luħ ta' Ġesù kien fih tnax-il kelma: erbgħa bil-Lhudi, erbgħa bil-Grieg u erbgħa bil-Latin. Jekk minn dawn it-tnax-il kelma kienet tingħaraf imqar waħda, kien biżżejjed biex jingħaraf is-salib ta' Ġesù.

Il-kelma Latina *patibulum* li nqeda biha Sant Ambroġ, sewwa sew ma tfissirx salib, imma traversa (jew fettieħa, mill-verb *pateo,* tiftaħ beraħ), jiġifieri, kif nitkellmu l-lum, saratizz, li dari kienu jaqflu l-bibien bih minn ġewwa, billi jdaħħluh fil-ħajt, min-naħa għall-oħra, wara l-bieb.

### IL-KNEJJES

Santa Liena, lil binha, l-Imperatur Kostantinu, bagħtet tgħidlu li s-Salib instab. U Sant Ambroġ igħid ukoll li ż-żewġ imsiemer li sabet (aktarx imwaħħla wkoll fis-salib, għax kieku ma setgħetx tagħrafhom) għamlithom wieħed ġiem ta' żiemel u l-ieħor waħħlitu f'kuruna u bagħtithom ukoll lil Kostantinu. Għal dan l-Imperatur is-Salib kien għażiż għall-aħħar, għax kif għedna, kien deherlu fis-sema u bis-saħħa tiegħu rebaħ lill-għedewwa. U għalhekk amar li tinbena bażilika kbira u sabiħa fuq il-ġiebja li ġewwa fiha kien instab is-Salib. Il-knisja nbniet u ssemmiet *Martyrion,* u minn nofsha sewwa nbena taraġ għal ġewwa l-ġiebja. U billi l-Qabar fejn difnu lil Ġesù kien hemm fil-qrib, Kostantinu bena knisja oħra madwaru u semmieha *Anastasis,* li tfisser Qawma, għax minn ġewwa dak il-Qabar Ġesù kien qam minn bejn l-imwiet. U billi dawk iż-żewġ knejjes kienu mibnija fi mkien wieħed (l-Anastasis sewwa sew wara l-Martyrion), Kostantinu dawwarhom it-tnejn f'daqqa b'loġoġ sbieħ.

### IL-FESTA FIL-ĠIEBJA

Billi l-ġiebja li fiha nstab is-Salib Imqaddes qiegħda ġewwa l-blat, qatt ma ġġarrfet, bħal ma ġġarrfu aktar minn darba ż-żewġ knejjes li semmejna fuq. Imma baqgħet, u għadha sal-lum, qawwija u sħiħa. U ġewwa fiha għadha ssir, fit-3 ta' Mejju, kull sena, festa kbira, tifkira ta' din is-sejba. Din il-festa ilha ssir minn ftit wara l-ġrajja, għax waħda qaddisa, Santa Silvja, ħalliet miktub kif kienet issir fis-seklu IV, meta kienet fid-dinja hi.

Il-festa tas-Salib, fit-3 ta' Mejju, issir ġewwa l-ġiebja li semmejna, fejn is-Salib instab. Din hija ġiebja tas-sew, u saħansitra fis-saqaf għad hemm il-fetħa minn fejn kienu jdendlu s-satal biex jimlew. Issa magħmula bħal kappella, u fiha artal u fuqu sura sabiħa tal-bronż, ta' Santa Liena. Din is-sura kienet mogħtija lir-Rħieb Franġiskani minn Massimiljanu Arċiduka ta' l-Awstrja, li wara kien sar Imperatur tal-Messiku u nqatel hemmhekk. Fil-festa r-Rħieb jarmaw il-ġiebja bid-damask mal-ħitan tagħha u jżejnuha bix-xama' u l-ward. Awl il-lejl isir hemm il-Għasar bil-kbir u l-għada fil-għodu Quddiesa Pontifikali mill-Kustodju, jiġifieri, Rejjes ir-Rħieb tal-Qabar ta' Kristu, u jmorru għaliha għadd kbir ta' nies. Ġewwa l-ġiebja, billi magħluqa minn kullimkien, tagħmel ħafna sħana bix-xegħil tax-xama', u l-kant tar-Rħieb u tat-tfal ma jidwix, għax jinħanaq, billi mal-ħitan ikun hemm imdendel id-damask. U billi l-ġiebja ma hix kbira wisq, kotra min-nies li jiġu għall-festa ma jinżlux fiha, imma jibqgħu fil-knisja ta' Santa Liena ta' l-Armeni, qrib il-ġiebja, fuq.

FRA ŻARENU, O.F.M.

# IR-RAĦAL TA' SAN ĠWANN

*(24 ta' Ġunju)*

San Ġwann il-Għammiedi kien iben ta' qassis Lhudi, jismu Zaħarija. Qassis dak iż-żmien ma kienx ifisser li kien iqaddes. Kien wieħed raġel li jieħu ħsieb xi xogħol mix-xogħlijiet talqadi t'Alla li kienu jsiru ta' kuljum fil-Ħakel, jew *Tempju,* ta' Ġerusalem. l-ewwel isem ta' din il-belt, kien bil-Kangħani: Bet-Kârem, jiġifieri Dar ta' Kârem. Issa, *Kârem* jew *Karîm* tfisser *ġeneruż,* jiġifieri wieħed ta' qalb tajba li jħobb jagħti ħafna mill-ġid li jkollu. Sata' kien isem ta' xi raġel li bena hemm l-ewwel djar inkella isem



**Dehra ta' Għajn Kârem (fix-xellug, il-kanpnar tal-Franġiskani).**

Kull qassis kien jagħmel ix-xogħol li jmissu, għal ġimgħa żmien. Imbagħad jerġa' jmur lejn daru sakemm jerġa' jmissu jaħdem mill-ġdid.

Il-qassisin kellhom fejn joqogħdu bliet għalihom. Il-belt ta' Zaħarija ma kenitx bgħid wisq minn Ġerusalem. Kif inqisu l-lum, qiegħda erbat imjiel u nofs in-naħa tal-Qibla, jew *Sud* tagħha. Jekk tmur bil-mixi minn Ġerusalem u ma tgħaġġelx wisq, trid biex tasal ftit anqas minn siegħa. Aktarx li ta' xi alla tal-Kangħanin. Ma tistax taf sewwa. Il-lum igħidulha *Għajn* Kârem, għax fiha għajn ta' l-ilma ħiereġ minn ġewwa l-art.

Nistħajluna mela mmorru nżuru żjara lil Għajn Kârem, ir-raħal fejn twielem San Ġwann il-Għammiedi. Immorru u niġu bil-għaġla, għax żmien wisq ma għandniex. Nistħajluna li nitilqu minn Ġerusalem.

Sakemm indumu nimxu ġewwa l-belt, ngħaddu dejjem mit-triq li tieħu

għal Ġaffa. Imbagħad kif noħorġu mill-belt, nilwu lejn ix-xellug u nibqgħu nimxu qalb il-egħlieqi u, kull kemm, xi ħarġa blat. Hemm trid tara dak il-ġremxul il-kbir, jekk tkun ix-xemx! Kull ġremxula daqs fenek ta' l-Indja. Hawn jgħidulu *ħardôn*. Nitilgħu naqra ta' telgħa, u fil-bidu tanniżla ta' warajha nsibu raħal sabiħ u ġdid, mibni mil-Lhud. Nibqgħu nimxu. Fuq il-lemin naraw wied, kollu blat u xi siġra 'l hawn u 'l hinn, u 'l fuq minnu, fil-lemin ukoll, ġebel għoli, u fuqu għadhom jidhru l-ħniedaq jew *trinċieri* li kienu ħaffru t-Torok għall-gwerra ma' l-Ingliżi, fis-sena 1917. Imbagħad induru lejn ix-xellug u taħtna naraw ir-raħal ta' Għajn Kârem, mimdud bejn il-għoljiet.

Għajn Kârem mibni donnu nofs qamar fuq id-djul ta' l-iġbla. Inti u tħares lejh, mit-triq, qabel ma tidħol fih, is-sehem li tara fuq il-lemin, huwa l-ħâra tal-Misilmin u s-sehem tax-xellug l-aktar li joqogħdu fih, Insara. Dan kien sa ftit snin ilu, għax in-nies ta' Għajn Kârem il-lum kollha Lhud. L-ewwel ma tolqtok id-dehra tal-kanpnar tal-knisja, għoli u rqiq, bl-arloġġ b'erba' wċuh, u taħtu saqaf tal-karmît aħmar u koppla sewda ta' l-irsâs, li huma l-knisja u d-Dejr tar-Rhieb Franġiskani ta' Ġieżu, mibnija fuq l-imkien fejn twieled S. Ġwann. Ir-rjus ta' l-iġbla ta' madwar ir-raħal huma għeri u xôrija, blat weħedhom; imma r-raħal in-nifsu, u madwaru u taħtu, kollu siġar: siġar ta' kull ġens. Innaħa t'isfel, siġar tar-rummien, tal-lewż u tal-ħawħ u berquq; u 'l fuq, l-aktar li hemm siġar taż-żnuber u taċ-ċipress. Siġar taż-żejtun, imbagħad, 'il fuq u 'l isfel, kullimkien. Is-siġar lewnhom aħdar sewdieni, daqs kemm huma qawwijin.

Induru minn wara d-Dejr tal-Franġiskani u ninżlu niżla żgħira, li għandha fuq il-lemin tagħha bini u fuq ix-xellug raba' u xi ġnien. Nidħlu fir-raħal u niġbdu lejn il-kanpnar. Taħtu naraw daħla għamla ta' ħnejja, donnha d-daħla tal-mina tal-vapur ta' l-art. Nidħlu minnha u nsibu bitħa kbira u minn ġewwa l-bitħa titla' minn żewġ tirġien żgħar għal knisja, quddiem il-bieb.

Nidħlu. Il-knisja maqsuma fi tlieta: korsija kbira fin-nofs u żewġ korsijiet dojoq fil-ġnub. L-artal tan-nofs jixbah ħafna lill-artal tal-knisja tal-Kunċizzjoni ta' l-Imsida (kull meta nidħol ġo dik il-knisja dejjem naħsibni qiegħed Għajn Kârem, imħabba f'daqshekk). Bħalu fuqu hemm niċċa kbira bl-istatwa tal-Madonna (issa biddluha u għamlu San Ġwann), bħalu maqtugħ 'il barra mill-ħajt, u bħalu fih mogħdija minn warajh għal ġewwa s-sagristija. U s-sagristija hija sala kbira fuq il-lemin tal-knisja, bħal ma hi ta' l-Imsida wkoll. Ta' Għajn Kârem mibnija għal ħabta ta' nofs is-seklu XII u ta' l-Imsida ma hux magħruf meta. Imma nħallu dan fil-ġenb.

Fil-qiegħ tal-korsija tal-lemin hemm artal żgħir imma fil-qiegħ tal-korsija tax-xellug ma hemmx artal. Hemm xatba, jew *kanċell*, tal-ħadid sabiħa u warajha taraġ tar-rħam li jinżel għal ġewwa Għar żgħir, miksi bir-rħam ukoll, li ġewwa fih jingħad li Santa Eliżabetta ġiebet fid-dinja lil S. Ġwann.

Noħorġu mill-knisja u naraw quddiemna bini kbajjar li hu skola tar-Raħbiet. Imbagħad ninżlu niżla u naqbdu *Strada Rjali* ta' Għajn Kârem: fuq ix-xellug djar b'xi gallarija u fuq il-lemin ħofra, b'ħafna siġar tal-frott, qisha ġnien. Nimxu ftit ieħor u nilħqu l-Għajn, li minnha ħa l-isem dan ir-raħal ta' Għajn Kârem.

L-ilma ta' din il-għajn ġej minn ġewwa l-blat, imma issa ħiereġ minn ġewwa mwiężeb, għax l-għajn mibnija

u fuqha hemm ħnejja. Ġewwa fiha hemm il-ħwat biex jaħslu l-ħwejjeġ fihom in-nisa, bħal ma hemm f'Għajn il-Ħammiem, barra l-Imdina, hawn Malta. Hemm ukoll qatgħa, maqtugħa u magħluqa, fejn *jistfew,* jiġifieri jinħaslu, biex jinħafrulhom dnubiethom, qabel ma jsellu l-Misilmin. Fuqha hemm mejdân bħal kanpnar tal-Għarab li minn fuqu jitla' jwedden ix-Xiħ tagħhom fix-xahar tar-Ramadan.

Minn hawn tara l-isbaħ dehra ta' Għajn Kârem. Jekk tħares lejn il-knisja (il-Għarab kienu jsemmuha Dejr il-Kebîr), tara quddiemek ġonna u fuq il-lemin, *Strada Rjali* li semmejt l-ewwel, u warajha l-iskola u mbagħad id-Dejr bis-saqaf aħmar u l-koppla tal-knisja sewda u l-kanpnar twil twil. Jekk ikun il-Ħadd, ħada l-kanpnar tara l-bandiera bajda bil-ħames slaleb ħomor, tperper mar-riħ. Mal-lemin, fuq djul il-għolja, għadd kbir ta' siġar u bejniethom knejjes żgħar u kmamar, fejn joqogħdu r-Raħbiet Russi. Iżjed 'il hemm, kanpnar ieħor qalb is-siġar ukoll, u żewġ knejjes, waħda fuq l-oħra, taż-Żjara tal-Madonna lil Santa Elizabetta, u Dejr ieħor żgħir tal-Franġiskani wkoll. Warajk għoljiet bil-għelieqi u siġar u djar 'l hawn u 'l hemm, imdawrin bil-ħdura.

Dan huwa r-raħal ta' Għajn Kârem, fejn twieled San Ġwann, qiegħed mhux fil-qiegħ, imma fid-djul ta' ħofra bejn l-iġbla, magħmul minn djar u knejjes qalb is-siġar ta' kull ġens. Xi ħadd semmieħ: *Rokna mill-Ġenna,* u dan l-isem ma tistax tgħid li ma jixraqlux.

FRA MOSE' O.F.M.

---

IT-TIENI TAQSIMA — **IMĦABBA**

# IL-PAJJIŻ TAL-QALB IMQADDSA TA' ĠESU'

Meta wieħed ikun għex għal xi żmien fl-Art Imqaddsa tal-Palestina, ikun għaraf it-toroq tagħha u żar dawk l-imkejjen hekk għeżież, li ma tistax tirfes fihom mingħajr ma tiftakar f'Ġesù, sew bħala tarbija ċkejkna għadha kemm titwieled, sew bħala tfajjel qed jikber fiż-żmien u fil-għerf, sew bħala raġel fil-ġabra ta' Nazzaret jew qalb il-kotra, daħkani jżiegħel bit-tfal żgħar jew imdagħdagħ joħodha mal-profanaturi tat-Tempju, jew fis-sebħ tat-Tabor jew qed imut fuq il-Kalvarju, f'dan il-każ, iva, il-Palestina, iktar mill-pajjiż ta' Ġesù, tidher quddiem għajnejna, *il-pajjiż tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.*

F'xi mkejjen tal-Palestina, ukoll il-lum, għadu donnu jinstema' l-ħoss u t-taħbit ta' dik il-Qalb għatxana ta' Ġesù għall-ġid ta' l-erwieħ. Jekk xi darba f'ħajtek, o qarrej, tmissek ix-xorti li tmur fl-Art Imqaddsa, nitolbok: mur żur, imma f'ġabra tar-ruħ, in-naħat tal-baħar tal-Galilija, u tara li donnok tilmaħ quddiem għajnejk dawk it-triqat bħal miżgħuda bin-nies li, għalkemm sa minn tlitt ijiem mingħajr mitrejqa, qegħdin jimxu wara Ġesù; u Ġesù, magħfus minn ħass ir-qiq f'qalbu, igħid: *"Misereor super turbam!"* U dan il-ħass fil-Qalb ta' Ġesù inti jidhirlek ukoll li tisimgħu hemm fejn Ġesù ħaddan it-tfal iż-żgħar u berikhom, hemm fejn b'għafsa ta' qalb ħares u wiegħġeb lil dak iż-żagħżugħ twajjeb li talbu jfissirlu x'għandu jagħmel biex jidħol fis-saltna tal-Mulej. U

xi ngħidu, imbagħad, jekk titla' fuq il-Għolja taż-Żebbuġ u fil-ġabra tar-ruħ tiftakar f'Ġesù minn hemm fuq iħares lejn Ġerusalemm imbikki marsus minn imħabbtu għal pajjiżu? jew hemm f'Betanja, ħdejn il-qabar ta' Lazzru "mqanqal f'ruħu, mifxul u mbikki, ' hekk li dawk ta' ma' dwaru mgħaġġbin bdew igħidu: "Ara kemm kien iħobbu"?

Ngħid għalija n-nifsi, fil-Palestina kollha m'hemmx triq, m'hemmx sqaq, m'hemmx rokna li ma tixhedx xi għamil ta' mħabba ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Fl-imkejjen kollha li fihom twieled u trabba, għex u ħadem, bata u miet, qam minn bejn l-imwiet u tela' s-Sema, ma tiltaqax ħlief biss ma tifkirijiet li juruk il-Qalb tiegħu magħsura bl-imħabba. Imma fost -l imkejjen kollha tal-Palestina l-iktar li jolqtuni u jġagħluni nisma', ukoll il-lum, it-taħbit ta' mħabba tal-Qalb ta' Ġesù huma s-Santwarji taċ-Ċenaklu, tal-Ġetsemani u tal-Kalvarju. Dawn huma tabilħaqq it-tliet santwarji li jagħqqdu "s-Sancta Sanctorum", għax fihom, iktar minn imkien ieħor, inħossu ċ-ċaqlieq ta' mħabba u ta' niket tal-Qalb ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Iċ-Ċenaklu, fejn il-Qalb ta' Ġesù mfawra bl-imħabba ħolqot l-imqaddsa Ewkaristija, li biha Ġesù baqa' jgħix fostna; il-Ġettsemani, fejn Ġesù ġarrab dik il-qalila tislita bejn ruħu u ġismu, u wara li għaraq l-għaraq taddemm, ruħu rebħet fuq laħmu; u l-Kalvarju mbagħad, fejn mill-ġerħa tal-lanza ta' Lonġinu xerred l-aħħar demm li kien baqgħalu f'ġismu, li bih ħasel ras l-ewwel bniedem, Adam, li l-Patrijarki, kif jingħad, kienu difnu fuq il-Golgota.

* * *

Santa Margerita Alocoque, il-maħbuba tal-Qalb ta' Ġesù, ħalliet bil-miktub: "F'jum il-festa ta' San Franġisk tas-sena 1686, Ġesù Kristu Sidna wrieni lil dan il-Qaddis f'dija ta' dawl li jgħammex u f'qagħda ta' ġieħ aqwa minn dik tal-qaddisin l-oħra mħabba l-ġibda kbira li kellu għall-passjoni tiegħu u mħabba li kien sawwar fih innifsu, b'mod l-iżjed ħaj, ix-xbiha tat-tbatijiet li huwa kien ġarrab. Għalhekk Ġesù Msallab, fil-waqt li għanieh bil-ħames ġrieħi mqaddsa tiegħu, *ħatru wkoll bħala wieħed mill-iktar miġjubin mill-Qalb Imqaddsa tiegħu u tah f'idejh setgħa kbira sabiex jaqla għall-bnedmin kotra kbira mill-meriti taddemm imqaddes li Huwa xerred, u tah f'idejh, biex ngħid hekk, li jqassam lill-oħrajn mit-teżor tal-grazzji divini.* U wara li Ġesù wrieni dawn il-ħwejjeġ kollha, dan l-Għarus tar-ruħ tiegħi, bħala sedqa ta' mħabbtu, *tagħni bħala mexxej tiegħi lil San Franġisk, sabiex huwa jgħinni u jmexxini qalb it-tbatijiet u n-niket li magħhom niltaqa' ma' tul ħajti.*

* * *

Jekk il-ġibda u l-imħabba ta' iben ma jgħamxulix għajnejja, ikolli ngħid kien l-Ispirtu ta' San Franġisk, dejjem ħaj fil-patrijiet uliedu, li ħoloq ma' tul is-sekoli kollha, ukoll qabel ma ġraw ir-revelazzjonijiet ta' Paray-le-Monial, dik il-fwieħa ta' qima serafika lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fl-Ordni Franġiskan.

Jekk il-ġibda u l-imħabba ta' iben ma jagħmxulix għajnejja, ikolli ngħid: Kienet l-imħabba tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù għall-Patrijarka San Franġisk Missierna, li qalgħet u tat lilna wliedu l-għoli ġieħ li niġu magħżulin fost hekk oħrajn, u mqegħdin biex inħarsu, nindukraw u nżommu għall-Knisja Kattolika l-veru u kbir santwarju tal-Qalb ta' Ġesù, li huma s-Santwarji Mqaddsa tal-Palestina.

# LAPSI F'ĠERUSALEMM

*(19 ta' Mejju)*

Il-ġrajjiet, meta jgħaddu, isiru qisħom ħolm. Ħolm aktar ċar mill-ħolm li noħolmu bil-lejl. Imma, meta l-ħolm li kien ġrajja, ikun fuq xi ħaġa sabiħa, tajjeb xi darba li terġa' ġġibu quddiem għajnejk, biex, bħalli kieku, tgħix għal ftit fiż-żmien ta' dari.

### FEJN TELA' S-SEMA ĠESU'

Meta jien kont Ġerusalemm, waħda mill-ġrajjiet is-sbieħ għalija, kienet tkun il-festa ta' Lapsi. Kienet tkun ġrajja sabiħa u kont inkun ili nistennieha x-xhur. Għax dak in-nhar ruħi kont inħossha tistrieħ u tinfirex. Għax kont nara u nkellem ħafna nies, li naf li kollha Nsara, li jemmnu dak li nemmen jien, u jifhmuha kif nifhimha jien, u dan ġewwa art li mhix Nisranija: art tal-Lhud u l-Misilmin.

Għax il-festa ta' Lapsi f'Ġerusalemm ma ssirx ġewwa knisja, bħalma ssir hawn Malta. Issir għall-beraħ, fuq ras ta' ġebel għoli, jew fuq quċċata ta' *muntanja,* qrib il-belt. Ġewwa knisja trid toqgħod sieket, imma fil-beraħ, f'misraħ fuq għolja, ikellmek min irid u tkellem lil min trid.

Kulħadd jaf li Ġesù tela' s-Sema minn fuq *muntanja.* Minn fuq *muntanja,* li qiegħda kif toħroġ minn Ġerusalemm, mifruda minnha b'wied, innaħa tax-Xerq jew il-*Lvant* tagħha. Hawn Malta nsibuha b'*Muntanja* taż-Żebbuġ, imma n-nies ta' hemm isemmuha: Ġebel iż-Żejtun (hekk; qisu bil-Malti) jew kelma waħda: iż-Żejtun, biss. U jien, hawnhekk, bħalhom sa nsemmiha. Issa, billi l-aħjar imkien biex tfakkar ġrajja huwa hemm fejn ġrat il-ġrajja, ir-Rħieb Franġiskani ta' Ġerusalemm, ma' l-Insara ta' dik il-belt, imorru jagħmlu t-tifkira ta' Tlugħ is-Sema ta' Ġesù hemm, fuq Ġebel iż-Żejtun, fejn ġrat il-ġrajja ta' bil-ħaqq.

### IL-KNISJA U L-BLATA

Fil-maqgħad fejn Ġesù tela' s-Sema, fl-antik ħafna mbniet bħal knisja. Knisja bla saqaf, imdawwra dawwara mejt. Kienet bnietha waħda mara għanja Rumana, jisimha Poemenja, mhux magħruf f'liema sena sewwa, imma fis-seklu IV u wara s-sena 333. Terġa', ġewwa din il-Knisja bla saqaf, fin-nofs sewwa, kien hemm (u għadha hemm s'issa) blata mikxufa u f'din il-blata donnhom żewġ rifsiet ta' żewġ saqajn tan-nies, li jingħad li kienu r-rifsiet ta' riġlejn Ġesù li ħalliehom tifkira lill-Appostli hu u tiela' s-Sema.

Il-Knisja l-imdawwra ġġarrfet minn dak iż-żmien 'il hawn, u fi mkienha hemm ħajt imdawwar, b'xi biċċa *kolonna* mibnija fih. Imma fin-nofs, fuq il-blata sewwa, hemm naqra ta' kappella mibnija mis-Salibijin, jew *Kroċjati* b'ħafna *kolonni* żgħar u sbieħ u minquxa. Il-blata issa ma fihiex żewġ rifsiet, imma rifsa waħda. Din il-kappella Nisranija kien biddilha f'Ġemagħ, jew Moskija tal-Misilmin Sâleħ id-Din, meta ħa taħt idejh lil Ġerusalemm fis-sena 1187 u għadha hekk sal-lum. Imma għal jum wieħed fis-sena, nhar Lapsi, dan l-imkien ikun taħt il-jedd tar-Rħieb tal-Art Imqaddsa, u hemm issir il-festa ta' Lapsi, jew Tlugħ is-Sema ta' Ġesù.

### IT-TĦEJJIJA

L-ewwel ħaġa li jagħmlu l-Franġiskani, lejliet Lapsi, hija li jibagħtu l-ħaddiema tagħhom iwaqqfu ġewwa dik il-bitħa (li kienet knisja mdawwra) erba' ħajmiet, jiġifieri *tined. Tined* kbar qishom tas-suldati. Waħda għalihom infushom, fejn jieklu filgħaxija u jim-



**Nhar Lapsi fuq Ġebel iż-Żejtun**
**(Wara l-kappella jidher il-kanpnar tar-Russi).**

teddu ftit (min irid u jkun jista' fost-hom, għax in-nies ma jħalluhomx, għax joqgħodu ġejjin u sejrin, iridu jqerru), bil-lejl. Waħda għall-qawwâsá, jiġifieri l-għassiesa Misilmin li jieħdu magħhom. Waħda għat-tfal tal-kor, jew "Schola Cantorum", u waħda għal xi nies naqra kbar, li jistgħu jitilgħu u jkunu jridu jgħaddu l-lejl hemm.

Ir-Rħieb, imbagħad, jitilgħu fuq Ġebel iż-Żejtun, filgħaxija, qisu għal xi l-ħamsa, u magħhom imorru qatiegħ Insara minn Ġerusalemm. Imma l-Insara ma jmorrux kollha dak il-ħin, għax jibqgħu telgħin, ftit ftit, il-lejl kollu, kulħadd x'ħin ikun jista' u jrid. Ir-Rħieb, hemm, ġewwa l-kappella jarmaw artal tal-għuda, li jkunu ħaduh magħhom, u mal-ħitan tal-kappella

jdendlu damask aħdar bil-frenża taddeheb. Kollox ikun sabiħ wisq. Tibqa' mistagħġeb tara Moskija tal-Misilmin b'artal bix-xema' u l-ward, armat ġewwa fiha, u ftit wara tisma' jitkanta hemm ġew il-Għasar bil-kbir, u wara jitqaddes il-quddies.

### GĦASAR U LITANIJA

Għax fil-għaxija, dik il-lejla, f'dik il-kappella jew Moskija, jitkanta l-Għasar, kollox kif imur, bit-tibħir u kollox, qisu f'xi knisja tal-belt. Imbagħad ir-Rħieb, bl-ispellizza bajda u bit-tfal tal-kor, liebsin żimarra ħamra u rukkett żgħir tal-bizzilla, b'naqra ta' barnuż, magħhom, ikantaw il-Litanija tal-Qaddisin, u jduru mal-kappella minn barra, u l-Insara jimxu warajhom ukoll.

Imbagħad ir-Rħieb imorru jieklu. Taħt il-ħajma (jew *tinda*) l-kbira jkun hemm armati mwejjed twal u dojoq u baxxi, u bdiel siġġijiet, banketti żgħar. Ir-Rħieb jieklu xi ħaġa ħafifa hemmhekk u jżarmaw l-imwejjed u jarmaw f'imkienhom sodod żgħar donnhom kataletti u jqiegħdu fuqhom saqqijiet dojoq, donnhom imħaded twal.

Fil-għaxija, meta jkun dalam sewwa, kulħadd joħroġ idur, hemm, fuq il-għolja. Għax din l-għolja, jew kif isemmuha hemm, Ġebel iż-Żejtun, qisha tal-Għolja ta' Malta; meta tasal fuqha, issib seħel, jew *pjanura,* bit-toroq u l-egħlieqi u siġar, tin u bajtar ta' l-Indja, imma l-aktar siġar taż-żebbuġ. Hemm ukoll ftit djar, donnu raħal ċkejken, li Ġerusalem igħidulu: iż-Żejtun.

Ġerusalem minn hemm fuq iġġibha taħtek. Id-dwal tat-toroq tagħha jixegħlu u d-dija tasal sa hemm fuq; u kif in-nies ikunu miexja titfa' d-dell tagħhom fuq il-ħitan.

### IL-MATUTIN U L-QUDDIES

Imma malajr isir il-ħin. U qabel nofs il-lejl in-nies tinġabar ġewwa dik il-bitħa madwar il-kappella, għax għal nofs il-lejl sewwa r-Rħieb Franġiskani jibdew il-Matutin bil-kbir. X'ħaġa, hemm fuq donnu ma jinħassx bard billejl, għad li ma jkunx għadu daħal is-sajf. Jew għax hemm il-kenn bil-ħitan għoljin tal-bitħa, jew għax l-art tibqa' fietla bis-sħana tax-xemx, billi hija tal-ħamrija. Hekk, in-nies jibqgħu barra, quddiem il-kappella, igħidu r-Rużarju, u qatt ma naf li smajt lil ħadd igħid li ħass il-bard. Imbagħad jibda l-quddies, quddiesa wara quddiesa, waħda minnhom kantata (dejjem *Missa De Angelis,* talanqas kull darba li kont hemm jien) sa fil-għodu. Fil-għodu n-nies jiżdiedu ħafna u l-quddies jitqaddes ġewwa u barra millkappella, għax barra wkoll mal-ħitan tagħha jarmaw artali tal-għuda żgħar.

Darba, meta kien *High Commissioner* tal-Palestina Lord Plumer, niftakar, konna ltqajna xi sitt Maltin, hemm fuq, nhar Lapsi fil-għodu. Qagħdna hemm, nitħaddtu, ma għandniex xi ngħidu, bil-Malti. (Kemm tithenna titħaddet bil-lsien ta' pajjiżek, meta tkun bgħid minnu!). Ma' ġenbna kien hemm wieqfa erba' żgħażagħ Għarab, liebsin pulit. Wieħed minnhom ma kienx għajr iħares lejna. U fl-aħħar ma felaħx aktar. Resaq u staqsiena: "Dasturkom: x'hi l-lagwa li teħku fiha?" Weġibnieh: "Malti". "Wenagħam! Malti" qalilna. "Qolt fi għaqli: Għarbi ma hu Għarbi; Turki, ma hu Turki; Junâni, ma hu Junàni. X'hu jkun?" U mar fejn sħabu jgħarrafhom x'kienet il-lingwa tagħna. U dak il-ħin jiena fraħt, meta ħassejt li aħna wkoll għad li pajjiż żgħir, kellna lsien tagħna, bħal ma għandhom il-pajjiżi l-kbar.

In-nies tibqa' tiżdied u l-bitħa tkun

mimlija: nies għarkubtejhom jisimgħu l-quddies jew wieqfa jitħaddtu. Hemm dik in-nhar tiltaqa' ma' nies li tkun ilek ma tarahom is-snin. U dawk li ma tafhomx ukoll, kulħadd ħabib. U hemm ma tibżax li tgħid xi kelma u jkun hemm min jieħu għalih, għax djientu djiena għariba għal tiegħek. U ħdejn il-ħajma tar-Rħieb ikun hemm il-ħaddiema jagħmlu l-kafè, u minn hemm l-Insara kollha għandhom il-jedd li jieħdu kikkra kafè tajjeb mingħajr ma jħallsu flus.

Fl-aħħar, għal xi l-għaxra, jaqta' l-quddies. U kulħadd, qajla qajla, imur lejn id-dar, min bil-karrozza, min bil-mixi u min riekeb fuq xi ħmar. Hekk isir il-Għid ta' Lapsi fuq Ġebel iż-Żejtun, Ġerusalem.

BEN JEHUZA.

---

# IL-VIJA SAGRA FIT-TOROQ TA' ĠERUSALEMM

Fil-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira, ħsieb kulħadd imur naħa waħda: fil-belt għażiża ta' Ġerusalem, fejn ġrat il-Mewt ta' Sidna Ġesù Krsitu, għas-salħa tal-midinbin. Għalhekk sa ngħidu xi ħaġa fuq kif għadha ssir il-Via Sagra f'dik il-belt, fuq it-toroq infushom minn fejn għadda Ġesù mgħobbi bis-salib. Din il-Via Sagra fit-toroq tal-belt issir kull nhar ta' Ġimgħa s-sena kollha, bil-għażla żgħira li nhar il-Ġimgħa l-Kbira, issir naqra ta' prietka minn raħeb Franġiskan ta' Ġieżu, li jitla' bil-wieqfa fuq siġġu, f'kull waqfa mill-waqfiet.

Kull nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta (u nhar il-Ġimgħa l-Kbira fis-siegħa), in-nies jinġabru ħdejn il-bieb tal-Kunvent tar-Rħieb Franġiskani, imsemmi San Salvatur, u minn hemm jitilqu kollha flimkien, bil-qawwas, jew suldat Għarbi liebes bħal ta' l-antik, quddiem. Jibqgħu sejrin lejn il-Qorti ta' Pilatu, li l-lum flok suldati hemm fih ġemgħa ta' tfal iltiema Misilmin. Ir-Rħieb Franġiskani għandhom il-jedd li jidħlu hemm kull nhar ta' Ġimgħa u jdaħħlu magħhom lil min iridu wkoll. Hemm, ġewwa l-bitħa, fejn Pilatu staqsa ħafna mistoqsijiet lil Ġesù, issir l-ewwel waqfa jew *Stazzjon*. Għax Pilatu ma hux hemm ġew qatagħha għall-mewt lil Ġesù, imma taħt il-loġġa, barra, ħdejn il-bieb. Il-Franġiskani jagħmlu hemm l-ewwel Waqfa biex iżommu l-jedd li għandhom li jidħlu hemm.

Kulħadd joqgħod għarrkubtejh, jinqara l-*Istazzjon*, jingħadu Pater, Ave u Glorja, u kulħadd iqum u joħroġ minn hemm.

It-tieni Waqfa ssir ħdejn il-bieb ta' din l-iskola, barra. Ir-Rħieb, u n-nies li jkunu magħhom (ġie li jkun hemm il-Patrijarka ta' Ġerusalem jew xi Isqof li ġie mill-Ewropa, u xi darba wkoll xi Kardinal) joqogħdu għarrkubtejhom ġewwa t-trab tat-triq u jgħidu t-tieni Waqfa u l-Pater Ave u Glorja, u bħal qabel, iqumu u jmorru minn hemm.

Jgħaddu minn taħt Ark qadim u jibdew neżlin niżla. Jaslu f'salib it-toroq u hemm jerġgħu joqogħdu għarrkubtejhom u jagħmlu t-tielet Waqfa, fejn Ġesù waqa' l-ewwel darba taħt is-salib. Iqumu u jimxu daqs għaxar passi lejn ix-xellug, fil-wita', u jaslu fejn Ġesù ltaqa' ma' Ommu Marija u jagħmlu r-raba' Waqfa hemmhekk.

Jimxu xi għoxrin pass ieħor u jdu-

ru lejn il-lemin, fejn tibda t-telgħa tal-Kalvarju, dejjem ġewwa l-belt. Hemm, fil-minkeb tat-triq, quddiem kappella żgħira, joqogħdu għarrkubtejhom u jagħmlu l-ħames Waqfa, fejn Xmun ir-reffiegħ rafa' s-salib ta' Ġesù.

Minn hemm jibqgħu telgħin it-telgħa, u ftit aktar 'il fuq minn nofsha, ħdejn hom jagħmlu s-seba' Waqfa, fejn Ġesù waqa' t-tieni darba.

Jitilgħu naqra aktar 'il fuq mat-triq ta' quddiemhom, u hemm ħada ġebla fil-ħajt li fiha mnaqqax salib, joqogħdu għarrkubtejhom u jagħmlu t-tmien Waqfa, fejn Ġesù kellem lin-nisa ta' Ġerusalem.



**Is-Seba' Waqfa tal-Vija Sagra**
**(F'salib it-toroq, fejn dari kien Bieb Ġerusalemm)**

kappella żgħira oħra ġewwa kamra mudlama, jagħmlu s-sitt Waqfa, fejn il-Veronika mesħet Wiċċ Ġesù bil-liżar tagħha.

Minn hemm jitilgħu ftit passi oħra u jaslu fi triq kollha ħwienet maħmuġin u dejjem maħnuqa bin-nies. Għax din it-triq imsaqqfa, għalhekk kulħadd imur ibiegħ hemmhekk, għax la taqbel xemx u anqas xita. Hemm, f'salib it-toroq, il-qawwas iwaqqaf in-nies sakemm il-Franġiskani u dawk li magħ-

Minn hemm jerġgħu jinżlu għat-triq il-maħmuġa li għedna qabel u jimxu lejn ix-xellug, fi triq watja. Jimxu ftit u jaslu fejn hemm taraġ wieqaf, fil-ħajt, fil-lemin. Jitilgħuh u jidħlu ġewwa sqaq dejjaq. Iduru lejn ix-xellug u jsibu bieb li jagħti għal ġewwa bitħa mħarbta, bi ftit siġar fiha. Ħdejn dan il-bieb jagħmlu d-disa' Waqfa. Billi minn hawn ma ijnfidx, malli jeħilsu, iduru u jmorru mnejn ġew.

Jerġgħu jinżlu t-taraġ għat-triq il-

maħmuġa (hemm ma hix maħmuġa wisq għax ma hix imsaqqfa), u jimxu lejn ix-xellug. Iduru lejn il-lemin ftit telgħa, u jimxu daqsxejn u jsibu bieb dejjaq. Jidħlu minnu u jsibu ruħhom ġewwa wesgħa mdaqqsa, bħal bitħa, bi knisja quddiemhom. Dik hija l-knisja tal-Qabar ta' Kristu. Jidħlu hemmhekk.

Malli jidħlu ġewwa din il-Knisja, fuq il-lemin, wara bieb mibni bil-ħaġar, isibu taraġ. Jitilgħu minnu u jsibu ruħhom ġewwa kappella mdaqqsa, bis-saqaf u l-ħitan miksija bil-mużajk. Hemm isiru l-għaxra u l-ħdax-il Waqfa, meta Ġesù kien imnażża' minn ħwejġu u msammar mas-salib. Għax din il-kappella fil-għoli qiegħda fuq il-blata li kienu jgħidulha l-Ġilġla, jew Kalvarju. Din il-kappella maqsuma fi tnejn: nofsha tal-Franġiskani u n-nofs l-ieħor tal-Griegi Ortodossi.

Minn hemm jimxu għan-naħa tal-Griegi Ortodossi, u quddiem Kurċifiss kbir, imwaħħal fil-blata nfisha fejn kien imsallab Ġesù (għad li ma tidhirx għax mgħottija bir-rħam), jagħmlu t-tnax-il Waqfa, fejn Ġesù miet fuq is-salib.

Bejn iż-żewġ taqsimiet tal-kappella hemm artal żgħir b'niċċa fih, u ġewwa n-niċċa nofs *bust* tad-Duluri, ilellex bil-kotra ta' deheb u djamanti li għandha, wegħdi tal-ħnieniet li qalgħu minn għandha l-Insara u l-Misilmin. Quddiem dan l-artal issir it-tlettax-il Waqfa, meta Ġesù kien maqlugħ mis-salib u mogħti fi ħdan Ommu Marija, qabel ma difnuh.

Minn hemm jinżlu t-taraġ u jiġbdu lejn ix-xellug, ġewwa l-knsija. Jgħaddu minn taħt ħnejja u jaslu ġewwa knisja mdawra dawwara mejt. F'nofs din il-knisja hemm naqra ta' kappella oħra, il-ħitan u l-faċċata tagħha miżgħuda bil-lampieri żgħar tal-fidda, u tnax-il kandlier kbar bl-intorċi quddiemha. Dan hu l-Qabar għażiż ta' Kristu. Quddiemu ssir l-erbatax-il Waqfa, fejn Ġesù kien midfun.

Hemm tintemm il-Via Sagra ġewwa Ġerusalem.

VIATOR.

---

# DEMM FRANĠISKAN IMXERRED FL-GĦAR TA' BETLEMM

Il-Patrijiet tagħna ilhom 'il fuq minn seba' mitt sena jħarsu l-Postijiet Imqaddsa tal-Palestina. Alla waħdu jaf xi swielhom lil dawn il-Patrijiet qalbiena biex iħarsu kif jixraq il-Postijiet għeżież għall-qalb ta' l-Insara. Iltaqgħu ma' mitt elf saram u kellhom iħabbtu wiċċhom ma' bosta tfixkil li kienu jagħmlulhom kemm dawk li ma humiex insara, kemm ukoll dawk li huma nsara, iżda mifruda minn Ommna l-Knisja Mqadssa. B'danakollu ma qatgħux qalbhom, u bla xejn xi jħarishom jekk mhux it-tama f'Alla, għadhom sal-lum l-Għassiesa qalbiena ta' l-Art Imqaddsa.

Fra LIBERAT MINN TISER, O.F.M., hu l-ewwel martri li xerred demmu għall-ħarsien tas-Santwarju tat-Twelid, ta' Betlemm. Sewwa sew f'dak il-lok għażiż fejn twieled il-Feddej fil-lejla ssaħħar tal-Milied, ġera, jaħraq kollu mħabba, id-demm ta' dan l-Ajk twajjeb.

Fra Liberat kien twieled fil-Parroċċa ta' Tiser, f'raħal ċkejken jismu Stalliviere, fil-qalb ta' l-Alpi (l-Italja), fil-5 ta' Ġunju 1858. Missieru u ommu, nies twajba tar-raħal, semmewh Ġanni. Minn tfulitu wera xejra tajba u għożża lejn it-twemmin Imqaddes. U billi fir-raħal ta' Stalliviere x-xogħol kien naqas ħosta, missier Ġanni rħielha lejn Monfumo bil-familja u hemm fetaħ ħanut fejn kien jagħmel is-siġġijiet. Dak iż-żmien Ġanni kellu madwar tmien snin, u għalkemm kien għadu żgħir medd għonqu għax-xogħol ma' missieru. Dam f'din il-ħajja aktar minn għaxar snin, sakemm id-dmir sejjaħlu band'oħra.

Ta' tmintax-il sena sejħulu għal-lieva. Dam suldat ħmistax-il sena, u l-ħajja tiegħu fis-servizz kienet ta' xempju għal sħabu kollha. Flimkien ma' ftit suldati oħra, twajba bħalu, għamel minn kollox biex jeqred darba għal dejjem id-dagħa u l-kliem ħażin minn fomm is-suldati sħabu. Il-ħidma tiegħu tat il-frott u bosta suldati li kienu fit-triq il-ħażina, reġgħu għamlu ħbieb ma' Alla.

Meta spiċċa minn suldat reġa' nġabar f'dar missieru—li kien mar jgħammar mal-familja f'Toetona — u taha għax-xogħol tar-raba'. Dak iż-żmien fil-qalb taż-żagħżugħ bdiet titnissel imħabba kbira lejn il-ħajja miġbura tal-Kunvent. Wara xhur ta' talb bla jaqta', għaraf li Ġesù riedu għalih u għalhekk qatagħha li jidħol Ajk mal-Patrijiet tagħna.

Ma nafux sewwa kif iż-żagħżugħ sab ruħu fl-Art Imqaddsa, nafu iżda, li fit-12 ta' Novembru 1892, libes iċ-ċoqqa Franġiskana fis-Santwarju ta' Betlemm. L-isem għażlu hu, u kif stqarr wara 'l-Patrijiet ħutu, kien ħa dak l-isem biex jiftakar li hu ħieles (liberat) mill-irbit tad-dinja biex igħix biss għal Kristu.

Is-Superjuri malajr intebħu li Fra Liberat kien ruħ qaddisa u għalhekk erħewlu f'idejh biċċa xogħol iebsa. Għamluh Sagristan tas-Santwarju tal-Għar ta' Betlemm. Kif tafu intom f'dan is-Santwarju jiġu jagħmlu l-funzjonijiet tagħhom ix-Xiżmatiċi wkoll u mhux darba u tnejn li qanqlu l-inkwiet. L-Ajk Sagristan irid joqgħod b'seba' għajnejn magħhom għax għal kull ħaġa ta' xejn iridu jqabbdu difrejhom. Dan jagħmlu biex idejqu 'l-Patrijiet tagħna u jiċħdulhom jeddijiethom fuq is-Santwarju hekk jaqa' kollu kemm hu taħt idejhom.

Ta' kull filgħaxija l-patrijiet imorru bil-purċissjoni f'dan is-Santwarju għażiż. Mela fis-26 ta' Ottubru 1893, għall-ħabta ta' l-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar, Fra Liberat kien qiegħed iħejji l-Altar tas-Santwarju, biex meta jiġu l-patrijiet isibu kollox f'loku. Kien dmir tiegħu wkoll li ma jħallix Xiżmatiċi waqt il-funzjonijiet tal-Kattoliċi. Dak il-ħin inzerta kien hemm tliet Xiżmatiċi Russi. Fra Liberat resaq fuqhom u bl-akbar ħlewwa qallhom biex joħorġu billi dak il-ħin kienet se tibda l-funzjoni tal-Kattoliċi. Tnejn minnhom, li kienu jafu dmirhom, ħarġu mninufih, l-ieħor, li kien suldat, baqa' jitnikker u ma riedx joħroġ. L-ajk reġa' qallu biex joħroġ, iżda s-suldat ħareġ stallet minn ħżiemu. L-ajk minnufih intebaħ x'kien ġej u mar fuqu biex iżommu. Is-suldat inġibed lura, u ħafif daqs berqa, ħareġ revolver millbut u sparalu. Ħadu sewwa sew fuq moħħu, u l-ajk waqa' minn tulu fl-art bla saħħa. L-art imtliet bid-dmija u l-imsejken beda jsejjaħ l-għajnuna.

Il-patrijiet li kienu ġejjin bil-purċissjoni semgħuh u marru dritt biex jaraw xi ġralu. L-ewwel wieħed li daħal kien Patri Rafel minn Casteldemilio. Is-suldat kien għadu moħbi fis-Santwarju u kif ra lill-patri Rafel, taħ tir u

ferih u mbagħad ħarab minn bieb imwarrab. Dak il-ħin laħqu l-patrijiet l-oħra u wieħed minnhom għamel il-Griżma tal-Morda lil Fra Liberat. Lil patri Rafel ħaduh il-kunvent. Fra Liberat kien wasal fit-tmiem. Id-demm li kien xerred dgħajfu bosta u wara ftit, imdawwar mill-patrijiet u bil-kelma "naħfirlu" fuq fommu, miet għall-qiegħa tas-Santwarju tat-Twelid.

Tlitt ijiem qabel din il-ġrajja, Fra Liberat għamel qrara ġenerali bħala tħejjija għan-novizzjat li kien se jibda ma ddumx. Fiċ-ċella tiegħu sabulu ittra li kien se jibgħat lil ommu biex jgħarrafha li dalwaqt kien se jibda s-sena tan-novizzjat. Iżda fil-ħaqq kollu n-novizzjat kellu jibdih fis-Sema fejn ruħu qaddisa, tħammar bid-demm tal-martirju, daħlet ferrieħa tgħanni l-għanja tar-rebħa.

FRA MARJANU VELLA, O.F.M.

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' BARRA

### IL-MILIED F'BETLEMM

Bħal snin oħra, din is-sena wkoll, marru għadd ta' Nsara mid-dinja kollha biex jgħaddu għid il-Milied ġewwa Betlemm. Kien hemm żawwâra (pellegrini) mill-Italja, minn Franza, mill-Kolumbja, mill-Arġentina u mill-Messiku; uħud ukoll mill-Indja u mill-Iran. Elfejn ruħ, Għarab, li jinsabu taħt il-Ħakma tal-Lhud (Israel), tħallew jaqsmu l-fruntiera biex iżuru Betlemm fil-jum tal-Milied. Ħadru l-funzjonijiet fil-knisja ta' Betlemm tlieta mill-kbar tal-Ħakma Għarbija tal-Ġordanja, li huma: il-Ministru (Ważir) tal-Ġewwieni, il-Ministru tas-Saħħa, u l-Ministru tat-Telegrafu u l-Posta (Barq u l-Barîd).

### FILM FUQ IL-MILIED

Ir-Rħieb ta' Ġieżu ta' Ġerusalemm qabbdu lid-ditta Rinaldo del Fabbro li jaħdmilhom film imsemmi: "Il-Milied f'Betlemm". Dan il-film fih mużika miktuba għal daqshekk minn A. Vitalini u kant ħelu tat-tfal tax-Xirka "Schola Cantorum" ta' Betlemm infisha. S'issa kien muri f'Ġerusalemm u kull min rah faħħru wisq.

### IRSAL TAL-ĦAKMA GĦARBIJA

Ħażża' el-Meġâli, rajjes il-Ważra (kabinett) tal-Ħakma Ġordanija, bagħat ix-Xewqat it-Tajba tal-Milied lill-Insara tad-dinja kollha. Fost kliem sabiħ ieħor qal: "Minn ma' ġenb il-Benniena ta' Ġesù, nibgħatu l-ferħ tagħna lill-Insara tad-dinja kollha, u fil-jum ta' din it-Tifkira nittamaw li jżidu l-qima lejn l-Art Imqaddsa fejn twieled Hu, u lejn in-nies li jgħammru fiha, u jgħinhom biex ifittxu jerġgħu jiksbu s-Sliema li għaliha Ġesù niżel mis-Sema fl-art." Għal dan il-kliem wieġbu Monsinjur Asgħaf, Arċisqof Grieg-Kattoliku, u fost kliem ieħor qallu li jitma' li l-Ħakma Ġordanija, li għandha taħt jeddha l-pajjiż ta' Ġesù, ma ddumx ma tistqarr bħala Festi Nazzjonali l-Milied u l-Għid il-Kbir.

### IL-GĦORBA TA' BETLEMM

In-nies bla dar (rifuġjati) li hemm ġewwa Betlemm, li ħarbu minn taħt il-Ħakma Lhudija, bagħtu risâla lill-President Eisenhower fil-Milied fejn iżżewh ħajr lilu u lill-poplu Amerikan għall-għajnuna li tawhom fil-faqar li jinsabu fih.

## ŻJARAT LILL-ART IMQADDSA

Mill-ewwel Pellegrinaġġ li sar wara l-aħħar gwerra sal-Milied li għadda, fl-Art Imqaddsa daħlu 70 Pellegrinaġġ, li ħadu sehem fihom 1,768 ruħ. Fost dawn kien hemm il-Kardinal Motta, Arċisqof ta' San Pawl fil-Brażil. Kien hemm ukoll fost dawn 46 Isqof u 708 qassisin, u ħafna rjus kbar tal-Ħakmiet. Minn dawn in-nies 416 kienu mill-Kolumbja, 285 mill-Kanada, 239 mill-Messiku, 231 mill-Istati Magħqudin ta' l-Amerika, 182 Taljani u 83 mill-Brażil. Il-bqija tan-nies kienu tista' tgħid mill-artijiet tad-dinja kollha, barra minn Malta.

Nittamaw li meta f'Malta jitnieda Pellegrinaġġ, jinġabru għadd sewwa ta' nies, biex ma nibqgħux, bħalma aħna issa, lura minn pajjżii oħra.

## "ĦBIEB TA' ĠERUSALEMM"

Fi New York twaqqfet xirka jisimha: *Friends of Jerusalem,* li l-għan tagħha hu li jagħmlu kull ma jistgħu bil-kliem u bil-kitba biex jiġi mħares dak li qatgħet l-U.N.O. fuq il-belt ta' Ġerusalemm. Din ix-xirka issa qiegħda titħabat biex iġġiegħel li Ġerusalemm tkun maħkuma minn wieħed li jkun xrik ta' l-U.N.O., li jkun mgħejjun minn *Kunsill amministrativ.*

## TISWIJIET FIL-QABAR TA' KRISTU

Ir-Rħieb, Franġiskani, Griegi u Armeni, jiġifieri t-tliet xorta ta' Rħieb li għandhom il-jedd fuq il-Qabar ta' Kristu, qegħdin jaħsbu biex jibdew isewwu tiswija sħiħa lill-knisja li ġewwa fiha jinsab dan il-Qabar Imqaddes. Il-Ħakma Griega għarrfet lill-Patrijarka Ortodoss li tixtieq tħallas hi n-nefqa tat-tiswija. Ir-Rħieb Kopti (li ma għandhomx jedd qiaddsu ġewwa l-Qabar ta' Kristu imma għandhom naqra ta' kappella waraġh) talbu lill-Ħakma tal-Ġordanja biex huma wkoll ikunu mdaħħla fin-nefqa tat-tiswija, għax inkella jibżgħu li jitilfu l-ftit tal-jedd li għandhom ġewwa l-Bażilika. Ta' dan għad ma ġiethomx tweġiba.

## TRIQ BL-ASFALT GĦAL EMMAWS

S'issa ma kien hemm ebda triq li minnha wieħed jista' jasal sa Emmaws bil-karrozza. L-eqreb triq għal hemm kienet fergħa li toħroġ mit-triq ta' bejn Ġerusalemm u Ġaffa, imma din kienet dejqa u kollha ħofor u ħtiebi u ġebel fin-nofs. Issa din il-fergħa sa tkun imwessgħa u mwittija u mogħtija l-asfalt, għat-tewfiq jew *kumdità* ta' min ikun irid imur iżur dan l-Imkien Imqaddes.

## VIGARJU ĠDID GĦALL-FRANĊISKANI

F'Ġerusalemm il-Vigarju tal-Kustodju tar-Rħieb Franġiskani tal-Qabar ta' Kristu, ikun dejjem Franċiż, bħal ma l-Prokuratur ikun dejjem Spanjol. Issa, il-Vigarju li kien qabel, il-W. R. P. Adrian Brufferne, telaq ix-xogħol tiegħu għax m'għadux jiflaħ, u daħal fi mkienu l-W. R. P. Jean Marie Hacquette, mill-Provinċja ta' San Pietru ta' Franza. Il-Patri Hacquette kien ilu ħafna snin Professur fil-Kulleġġ li għandhom il-Frangsikani f'Ħaleb (Aleppo) u mhux minn qalbu li telaq dan ix-xogħol u laqa' l-post għoli li kien mogħti lilu.

## IX-XMARA TAL-ĠURDAN

Ilu żmien twil jingħad li kien hemm ħsieb li jissarraġ l-ilma tax-xmara tal-Ġurdan, ix-Xmara Mqaddsa tal-Palestina, biex bih jissaqqew kotra kbira ta' artijiet fuq in-naħa l-waħda u l-oħra tax-xtut tagħha. Issa aktarx li dan il-ħsieb wasal biex iseħħ. Tlieta huma l-irsma (jew pjanijiet) li ġew murija: resem hu tat-Tennese Valley Authority, xirka Amerikana; resem tal-Ġemagħa Għarbija Istingħajija, u re-

sem tal-Gvern Israel. Kif inqies dan l-aħħar ix-xmara tal-Ġurdan issawwab fil-Baħar il-Mejjet elf u tmien mitt miljun (1,800,000,000) metru kubu ta' ilma fis-sena, li jista' jsir ġid kbir bih kieku jissewwaq fir-raba ta' ma' dwar ix-xmara.

### GĦID RIŻQU ĦAŻIN

Billi l-Insara fil-belt ta' Bejrut, f'Libnan, għamlu purċissjoni bil-fjakkoli jixgħelu, fit-toroq, ftit ilu l-Misilmin, fil-għid tagħhom Milâd en-Nébi (twelid tal-Profeta Mħammed), riedu jagħmlu bħalhom. Imma l-fjakkoli li għamlu l-Misilmin kienu bottijiet tal-ħalib imwaħħlin fuq għuda, mimlija sa nofshom bil-pitrolju u biċċa stoppa taqbad ġewwa fihom. Kif kienu kollha mixgħula u l-purċissjoni tagħhom sa toħroġ, żewġ subien iġġieldu u wieħed minnhom qaleb il-pitrolju jaqbad fuq sieħbu. Dan telaq jiġri u jgħajjat bil-ħruq, u t-tfal l-oħra ħadu qatgħa u kulħadd qaleb il-bott tal-pitrolju jaqbad fuq sħabu. Qamet għagħa kbira u nħarqu ħafna nies. Fost dawn hemm tletin mejta u ħames mija l-isptar. Ħtija ta' dan weħel kulħadd u l-Ħakma Libanija amret li ma jsirux aktar purċissjonijiet.

### L-EWWEL PONTIFIKAL F'BETANJA

Fil-knisja l-ġdida li għadha kemm inbniet f'Betanja, saret l-ewwel quddiesa Pontifikali, fil-festa ta' San Lażżru. Qaddisha l-Patri Kustodju tal-Franġiskani tat-Terra Santa li f'idejhom qiegħda din il-knisja, u li huma bnewha b'ħafna taħbit, qrib il-qabar tal-Qaddis. Ħadru l-quddiesa ħafna nsara minn Ġerusalemm u xi qassisin Griegi Ortodossi li joqgħodu dik innaħa u li huma ħbieb tal-Franġiskani.

### WEGĦDA BIT-TEMMA

Mara u raġel Amerikani, Mr. u Mrs. Hodgson, għamlu wegħda li jmorru Ġerusalemm u jieħdu tifel żgħir minn hemm u jrabbuh bħala binhom. Din il-wegħda temmewha dan l-aħħar, għax marru Ġerusalemm ta' bil-ħaqq u bil-ħalla tal-Qorti tal-Pulizija, ħadu bħala binhom tifel żgħir iltim minn fost l-iltiema li qegħdin irabbu l-Franġiskani. It-tifel li qabel kien jismu Mansur Faraħ, issa sar jismu Francis T. Hodgson. Ħaduh magħhom lejn l-Amerika.

## AĦBARIJIET TA' MALTA

Mill-bidu ta' din is-sena li aħna fiha, 1955, għamilna l-Jum tal-Qabar ta' Kristu f'dawn il-knejjes li ġejjin: il-Parroċċa tar-Rabat, ta' Santa Vennera, ta' San Duminku, il-Belt, tal-Marsa, ta' Ħaż-Żebbuġ, ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, tal-Furjana, ta' Ħal Għargħur, ta' l-Imsida, tas-Sacro Cuor, tas-Sliema, tal-Birgu, ta' Bormla, ta' l-Isla, il-Kattidral ta' l-Imdina, San Ġwann, il-Belt. Kull fejn morna konna milqugħin b'imħabba mill-Kappillani, u bil-għajnuna tagħhom il-Jum tal-Qabar ta' Krsitu mar sewwa aktar milli konna nobsru aħna. Llil-Wisq Reverendi Arċiprieti u Kappillani niżżuhom ħajr bil-qalb kollha fl-isem tal-Patri Kustodju tat-Terra Santa, tal-Patrijiet Msisjunarji li qegħdin jaħdmu bla heda biex tixxerred il-Fidi Nisranija fil-Pajjiż ta' Ġesù u biex jinżammu kif jixraq l-Imkejjen Imqaddsa li fihom seħħet il-Fidwa tagħna.

* * *

Dawn li ġejjin huma l-ismijiet tannies li taw flus għal din ir-Rivista,

"Leħen l-Art Imqaddsa": —

Karmela Micallef: 10s.; Elena Zammit: 10s.; Marija Borg: 10s.; N.N. (minn idejn P. Kamillu Aquilina): 10s.; Alice Aquilina: 8s.; Nikola Vella: 6s.; Berta Ellul: 6s.; Matilde Fenech: 5s.; Ġużeppi Borg: 5s.; Ġużeppa Falzon: 2s.

Niżżuhom ħajr ilkoll u nitolbu lill-Bambin ixerred il-barka tiegħu fuqhom.

* * *

Dawn li ġejjin ħarġu xi flus għall-bini tal-Knisja tal-Luzjata fuq il-Għar Imqaddes tal-Madonna f'Nazaret: —

Filippo Cassar Torreggiani, tas-Sliema: £1; Dr. Ġużeppi Bugeja, Rabat: £1; Lorenzo Attard, in-Naxxar: £1; Sac. Carmelo Busuttil, Rabat: 10s.; Una pia persona, Sannat, Gozo: £2. 10s.; Maestro G. Gasan, il-Belt Valletta: £1; Mosè Attard, in-Naxxar: £1; Loreto Vella, in-Naxxar: £1; N.N., Ħaż-Żebbuġ: £1; Katarina Mallia Tabone, l-Imsida: £1.

* * *

Ħarġu l-flus għall-ġebla li fuqha jkun hemm miktub isimhom biex tinbena fil-Bażilika l-ġdida ta' Nazaret, dawn li ġejjin: —

Maestro Raffaele Bonnici Calì: £3; Antonio Demajo, Birżebbuġa: £3; Michele Demajo, tas-Sliema: £3; Ines Scicluna, ir-Rabat: £3; Annie Pisani, il-Furjana: £3; Dolores Micallef, tas-Sliema: £3; Mons. Arċipriet Ghigo: £3.

Lil dawn niżżuhom ħajr bil-qalb u nitolbu li l-Madonna, mis-Santwarju ta' Nazaret, ixxerred il-hena u s-sliema f'qalbhom, u tagħtihom il-grazzji kollha li jinħtieġu.

* * *

Dawn li ġejjin isseiħbu s'issa fir-Rivista "Leħen l-Art Imqaddsa": —

Attard Ester, Abdilla Giuseppe, Briffa Victor, Buontempo Mary, Borg Stella, Borg Giuseppina, Buttigieg Stella, Belli Jane, Bonnici Rosina, Borg Giuseppe, Ciappara Antonio, Camoin Catarina, Camilleri Carmela, Caruana George, Cauchi Bernarda, Casha Maria, Caruana Carmela, Chetcuti Paola, Catania Liberata, Cardona Carmelo, Chetcuti Nicolina, Caruana F. S., Cilia Carmelo, Caruana Carmela, Cauchi Antonia, Coppini Melita, Dalli Maria, D'Agostino Domenico, Debono Stella, Doublesin Carlo, Dugo M. A., Ellul Paolo, Ellul Salvatore, Ellul Adelgisa, Farrugia Giorgio, Gasan Giuseppe, Galea Salvatore, Gauci Carmela, Gatt Maria, Galdes Michelina, Magri Paolina, Muscat Salvatore, Magro Rita, Meli Carmelo, Muscat Marianna, Mizzi Maria, Psaila Olga, Pace Paul Felice, Sammut Giuseppe, Sant Paolo, Sant Giulia, Staffrace George, Scicluna Giovanna, Sapiano Agnese, Schembri Concetta, Spiteri George, Tabone Zammit Francesco, Theuma Emilia, Theuma Teresa, Xuereb Maria, Zammit Giovanni, Zammit Frank.

---

**Ħubżu maħbuż u majtu fil-kuż** (ħobżu maħbuż u l-ilma tiegħu fiż-żir). Aħna bil-Malti ngħidu: "Żejtu fil-kuż". Tfisser bħall-Malti sewwa.

(*Qawl tal-Palestina*)

---

Cum permissu Superiorum et auctoritatis Eclesisiasticae




Tipografia dei PP. Francescani - GERUSALEMME